**Kunsill Lokali**
**ĦAL KIRKOP**

# Rapport Amministrattiv 2014

*imħejji minn Antonia Desira Demicoli, **Segretarju Eżekuttiv***

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2014 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop matul dawn it-tnax-il xahar.

Din il-leġislatura bdiet f'April 2012 u għaldaqstant is-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop tilħaq it-terminu tagħha, fl-aħħar ta' April, 2015. Il-Kunsill ta' Ħal Kirkop matul din is-sena kien kompost kif jidher fit-tabella hawn taħt.




Matul is-sena 2014, il-Kunsill kellu r-riżenja tal-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ, is-Sur Gabriel Cassar, li ma setax ikompli jokkupa din il-kariga minħabba li għalaq it-tmintax-il sena.

Matul is-sena 2014, il-Kunsill iltaqa' sbatax-il darba fejn l-attendenza tal-Kunsilliera kienet pjuttost tajba u regolari.

L-attendenza tal-Kunsilliera bejn Jannar u Diċembru 2014 tidher fit-tabella hawn taħt.



## Attendenza għal-Laqgħat tal-Kunsill

Laqgħat tal-Kunsill bejn Jannar u Diċembru 2014

| Laqgħat Nru 32 - 48 | Carmel Calleja | Antoinette Cefai | Stephen Mizzi | Joseph Schembri | Jennifer Tabone |
|---|---|---|---|---|---|
| Attendenza | 15/17 | 15/17 | 15/17 | 16/17 | 10/17 |

- Is-Sindku kien skużat minn żewġ laqgħat.
- Il-Viċi Sindku kienet skużata minn laqgħa waħda.
- Il-Kunsillier Stephen Mizzi kien skużat minn żewġ laqgħat.
- Il-Kunsillier Joseph Schembri kien skużat minn laqgħa waħda.
- Il-Kunsilliera Jennifer Tabone kienet skużata minn ħames laqgħat.

Tul is-sena 2014, il-Kunsill kellu tlett impjegati, li kienu s-Segretarju Eżekuttiv u żewġ skrivani. Bejn Jannar u Marzu 2014 u bejn Ottubru u Novembru 2014 il-Kunsill kellu srivana waħda minħabba li kien hemm bidliet fl-impjegati.

Il-Kunsill kellu wkoll l-għajnuna minn tlett impjegati tal-IPSL li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalita'. Il-Kunsill għandu wkoll l-għajnuna ta' persuna li qiegħda fuq l-iskema Xogħol fil-Kommunita' mnhedija mill-ETC. Dan jgħin fix-xogħol tal-Uffiċċju.

L-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali għas-sena 2014 kienet ta' €183,890. Kien hemm ukoll dħul oħra li jammonta għal €28,842, li jġib id-dħul għas-sena 2014 b'total ta' €212,822.

In-nefqa għas-sena 2014 kienet tammonta għal €247,304. Dawn il-figuri huma mogħtija qabel ma' l-kotba tal-Kunsill ġew awditjati u għaldaqstant jista' jkun hemm xi tibdil. Biex wieħed ikollu stampa eżatta tad-dħul u l-ħruġ kollu tal-Kunsill wieħed jista' jara l-Audited Financial Statements li jidhru ukoll fuq is-sit www.lc.gov.mt.

**Rapport ta' xogħol li sar matul is-sena 2014**

Matul l-2014 ġie inawgurat is-servizz tas-Sigurta' Soċjali, fejn ir-residenti ta' Ħal Kirkop jistgħu jinqdew mill-Uffiċċju tal-Kunsill, nhar ta' erbgħa, kull ħmistax. Ir-residenti ta' Ħal Kirkop jistgħu jinqdew biex –

- japplikaw għal kwalunkwe benefiċċju tas-sigurta' soċjali fejn ma hemmx bżonn ta' dikjarazzjoni ġuramentata;
- jirraportaw kwalunkwe tibdil ta' ċirkostanzi;
- japplikaw jew iġeddu l-karta r-roża;
- jissottomettu ċertifikati tal-mard; u
- jagħmlu kwalunkwe talba għall-informazzjoni dwar kwalunkwe ħaġa ta' sigurta' soċjali.

Wara ħidma kontinwa mas-Segretarjat tal-Anzjani, iċ-ċentru ta' Matul il-Jum beda jinfetaħ fuq jumejn minflok nhar ta' Tnejn biss. Minn Jannar ta' din is-sena, l-anzjani bdew jiltaqgħu fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum kull nhar ta' Tnejn u kull nhar ta' Ħamis.

Nhar l-Erbgħa, 16 ta' April, 2014, għall-ewwel darba, il-Kunsill kellu l-laqgħa tiegħu trasmessa Live Online fuq www.halkirkop.com. Dan biex kull min ikun interessat ikun jista' jsegwi l-laqgħt tal-Kunsill mill-kumdita' ta' daru.

Ir-Reġjun Nofsinhar, li l-Kunsill ta' Ħal Kirkop jagħmel parti minnu, matul is-sena 2014 ħa diversi inizjattivi biex jgħin lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu.

Waħda minn dawn l-inizjattivi kienet tikkonsisti f'għotja ta' €1000.00 biex il-Kunsill jixtri kotba għal-librerija ta' Ħal Kirkop. Ta' min jinnota li l-Kunsill kontinwament jinvesti f'din

il-librerija billi jixtri kotba ġodda. Dan huwa apprezzat ferm minn dawk kollha li jużaw din il-librerija li għalkemm żgħira tiġbed ħafna nies, anke minn barra r-raħal għax fiha wieħed isib l-aqwa għażla ta' kotba.

Ir-Reġjun Nofsinhar għen ukoll lil Kirkop United FC b'għotja ta' €500.00 għall-parteċipazzjoni f'avveniment sportiv.

Apparti hekk ir-Reġjun Nofsinhar ta lill-Kunsill, AED (magna tal-qalb) li ser tkun qed titwaħħal quddiem il-bini tal-Uffiċċju tal-Kunsill biex f'każ ta' emerġenza tkun tista' tintuża mill-pubbliku inġenerali.

Matul is-sena 2014 inħarġu s-sejħiet għall-offerti għal xogħol ta' żamma u manutenzjoni tal-ġonna u *soft areas*. Il-kuntratt intrebaħ minn ELC Ltd. u dawn qed jagħmlu xogħol tajjeb ħafna.

Għall-ħames sena konsekuttiva, nhar il-11 ta' Mejju, il-Kunsill organizza l-Irkottafest li għal sena oħra kienet success. Kienu bosta dawk li attendew għal din l-attivita' li kienet mifruxa fuq ġurnata sħiħa, b'attivitajiet differenti għall-gosti ta' kulħadd.

Fir-rigward ta' riċiklaġġ, nhar l-24 ta' Ġunju, 2014 il-Kumpanija Green Pak ppremjat b'żewġ *awards* lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop.

L-ewwel *award* kien dak tal-*Best Performance: Recycling Bag,* fejn il-lokalita' ta' Ħal Kirkop ikklassifikat fl-ewwel post f'dak li huwa l-akbar ammont ta' ġbir ta' skart riċiklat permezz tal-borża l-ħadra/griża.

It-tieni *award* li ngħata lil Kunsill kien dak ta' *The Inspire Foundation Award 2014*, fejn għal darb'oħra Ħal Kirkop ikklassifika fl-ewwel post fl-akbar ammont ta' ħwejjeġ u oġġetti wżati li nġabru b'risq il-fondazzjoni Inspire.

Permezz ta’ dawn l-*awards* il-Kunsill ser jingħata €1000.00 biex jagħmel proġett biex itejjeb is-sistema tat-traffiku fi Triq San Benedittu k/m Triq l-Imdina.

Sfortunatament il-Kunsill għadu jiffaċċja diversi problemi ta’ abbuż ta’ rimi ta’ skart. Dawn jinkludu –

- ħruġ ta’ skart meta mhux suppost;
- ħruġ ta’ skart wara li jgħaddi l-kollettur; u
- wħud li joħorġu bil-klieb tagħhom u ma jiġbrux il-ħmieġ li jħalli.

Biex jgħin biex titnaqqas din il-problema, il-Kunsill reġa’ investa f’aktar *bins* apposta għall-ħmieġ tal-klieb mad-dawra tar-raħal.

Waħda mill-akbar spejjeż li għandu l-Kunsill hija ż-żamma ta’ l-indafa fil-lokalita’. Din tlaħħaq għal eluf ta’ Ewro.

Matul din is-sena wkoll, il-Kunsill kien għadu qed iħallas penali dwar proġetti mibdija taħt il-leġislatura preċedenti, li ma kienux laħqu ma dak mitlub. Dawn ammontaw għal eluf ta’ Ewro. Minħabba f’hekk il-Kunsill kellu joqgħod ħafna attent fuq in-nefqa tiegħu u għaldaqstant b’għaqal kbir irnexxielu jkompli jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bl-aħjar mod possibbli. Mhux talli hekk, iżda l-Kunsill irnexxielu jnaqqas id-defiċit b’41%.

Fuq nota oħra, ix-xogħol fuq Misraħ iż-Żernieq ingħalaq u kull ma jonqos huwa t-tarmak fit-triq mad-dawra tal-ġnien. Dan ix-xogħol ser isir minn Transport Malta.

Il-Kunsill ma naqasx li jieħu ħsieb l-element edukattiv billi b’kollaborazzjoni mal-MCA organizza korsijiet għall-anzjani dwar l-użu tat-*tablets*.

Apparti hekk il-Kunsill nieda korsijiet dwar dekorazzjoni ta’ kejkijiet li ntlaqgħu tajjeb ħafna minn dawk li qed jattendu.

Ġie organizzat festin tal-Karnival għat-tfal ta' Ħal Kirkop, ħarġa għall-Palazz tal-President u ġita għal Sqallija. Ġie organizzat ukoll il-festin tal-Milied li bħal kull sena kien suċċess kbir, b'attendenza numeruża.

Għall-ewwel darba din is-sena, bl-għajnuna ta' fondi miksuba taħt proġett minn naħa tal-GAL Xlokk ġie organizzat il-villaġġ tal-Milied. F'dan il-villaġġ taw sehemhom l-għaqdiet kollha tar-raħal li għamlu xogħol kbir u grazzi għalihom din l-attivita' kienet suċċess, anke meta wieħed iqis li t-temp ma kienx wisq tajjeb. F'dan il-villaġġ tal-Milied, ġie mniedi ktejjeb bl-isem "Ħjiel għall-Milied Gastronomiku Malti", miktub mir-resident Koppi Josef Baldacchino.

Ix-xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalita' kollha jsir b'mod regolari mill-ħaddiema tal-IPSL assenjati mal-Kunsill. Dan ix-xogħol jinkludi traqqiegħ tat-toroq, irranġar ta' bankini u kurduni, bdil ta' kaptelli, manutenzjoni fuq *bollards* u *railings*, tikħil u żebgħa ta' diversi ċnut u *planters*, żebgħa u manutenzjoni fuq bankijiet u *bins*, tindif ta' *culverts* tal-ilma tax-xita u manutenzjoni ġenerali fuq il-binjiet tal-Kunsill.

Permezz tal-kuntrattur tad-dawl, matul is-sena jinbidlu wkoll ammont konsiderevoli ta' bozoz madwar il-lokalita' kollha. Jiġu wkoll installati bozoz ġodda fejn ikun hemm il-ħtieġa u dejjem skond il-finanzi tal-Kunsill.

**Komunikazzjoni mar-residenti**

Matul is-sena inżammet ukoll il-laqgħa annwali tal-lokalita' li għaliha setgħu jattendu dawk kollha li isimhom jidher fuq ir-Reġistru Elettorali. F'din il-laqgħa il-Kunsill jilqa' l-kummenti u s-suġġerimenti ta' dawk preżenti.

Minħabba limitazzjonijiet finanzjarji, u kif ukoll nuqqas ta' riżorsi umani, il-Kunsill ma jippublikax *newsletter*. Biss il-Kunsill iqassam informazzjoni utli fid-djar u apparti hekk jagħti l-informazzjoni fin-*notice boards* li għandu mdawrin mar-raħal.

Apparti hekk, il-Kunsill għandu wkoll paġna uffiċċjali fuq il-mezz elettroniku tant popolari, Facebook, bl-isem Kunsill Lokali Ħal Kirkop, fejn wieħed jista' jara updates regolari dwar attivitajiet, servizzi, korsijiet, ritratti u informazzjoni oħra ta' interess kemm lokali u kif ukoll ġenerali.

Is-servizzi normali jingħataw mill-Uffiċċju mit-Tnejn sal-Ġimgħa ġurnata u nhar ta' Sibt filgħodu.

**Pjanijiet għall-futur**

Fl-2015 il-Kunsill ser jibda jagħmel xog]ol fuq lampi ġodda li kienu ilhom ħafna mitluba u li kienu jaqgħu fir-responsabbilta' ta' Transport Malta minħabba li jinsabu f'toroq arterji. Għalkemm il-Kunsill kien ilu għaddej b'diskussjonijiet dwar dawn il-lampi, fl-aħħar spiċċa li jagħmel parti minn dawn il-lampi hu a spejjeż tiegħu minħabba li l-Enemalta infurmatna li dawn kellhom isiru mill-Kunsill, għax TM tagħmel biss dawl ġdid f'toroq ġodda. Dawn il-lampi ser isiru fi Triq San Ġwann u Triq Dun Ġużepp Barbara. Apparti hekk ser jiġu installati wkoll lampi ġodda fi Triq Nerik Xerri u Triq id-Duluri.

Il-Kunsill għadu għaddej f'diskussjonijiet mad-Dipartimenti u Ministeri konċernati biex jinstab post alternattiv biex fuqu tinbena latrina pubblika.

Il-Kunsill għadu għaddej ukoll f'taħdidiet mal-Ministeru tat-Turiżmu biex wieħed jistabillixi idejat ġodda kif nistgħu nattiraw it-turisti lejn Ħal Kirkop.

Ir-Reġjun Nofsinhar ser jagħti fondi għal xogħol ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku, liema xogħol ser jibda mill-bidu tal-2015.

Il-Kunsill għaddej ukoll b'diskussjonijiet mal-kumpanija Multigas li lesta tħallas għall-proġett b'risq il-kommunita' ta' Ħal Kirkop.

*Marzu, 2015*